Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WAHL
ippreżentati fid-9 ta’ Marzu 2017[1]

**Kawża C-80/16**

**ArcelorMittal Atlantique et Lorraine**
**vs**
**Ministre de l’Écologie, du Développement durable et de l’Énergie**

[Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal administratif de Montreuil (qorti amministrattiva, Montreuil, Franza)]

“Ambjent — Skema għall-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra — Direttiva 2003/87/KE — Regoli tranżitorji — Deċiżjoni 2011/278/UE — Validità — Metodu għall-allokazzjoni ta’ kwoti mingħajr ħlas — Settur tal-azzar — Parametri referenzjarji għal metall sħun u minerali sinterizzati — Produzzjoni ta’ elettriku minn gassijiet ta’ skart — Użu ta’ data l-iktar preċiża u aġġornata — Installazzjonijiet l-iktar effiċjenti — Obbligu ta’ motivazzjoni”

1. Din il-kawża tirrigwarda l-iskema tal-Unjoni għall-iskambju ta’ emissjonijiet li daħlet fis-seħħ bid-Direttiva 2003/87/KE[2]. B’mod partikolari, minħabba l-interessi finanzjarji involuti, kwantità kbira ta’ aspetti ta’ dik l-iskema spiċċaw is-suġġett ta’ kawżi quddiem il-qrati tal-Unjoni[3]. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-validità tad-Deċiżjoni 2011/278/UE[4] li kienet ġiet adottata b’applikazzjoni ta’ dik id-direttiva. Id-domandi magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja jirrigwardaw il-kwistjoni kumplessa tal-metodu xieraq li għandu jiġi użat mill-Kummissjoni fl-iffissar ta’ parametri referenzjarji mal-Unjoni kollha għall-allokazzjoni ta’ kwoti ta’ emissjonijiet mingħajr ħlas fis-settur tal-azzar matul il-perijodu 2013 sa 2020.

2. B’mod iktar speċifiku, il-qorti tar-rinviju titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tikkjarifika jekk, meta jiġu stabbiliti l-parametri referenzjarji, il-Kummissjoni tistax (1) tiddeċiedi li ma tinkludix it-totalità tal-emissjonijiet relatati mal-użu ta’ gassijiet ta’ skart irriċiklat fil-produzzjoni tal-elettriku fil-parametru referenzjarju għall-metall sħun; (2) tibbaża d-determinazzjoni tagħha tal-parametru referenzjarju għall-metall sħun fuq il-“BREF”[5] għall-produzzjoni tal-ħadid u l-azzar u

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta’ Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 631). Dan il-każ jittratta d-direttiva riveduta, kif emendata mid-Direttiva tal-Kunsill 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ April 2009 (ĠU 2009 L 140, p. 63).

3 Mad-daqqa ta’ għajn, il-qrati tal-Unjoni sa issa ttrattaw tal-inqas 76 każ dwar aspetti differenti tal-iskema tal-Unjoni tal-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjonijiet.

4 Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tas-27 ta’ April 2011, li tiddetermina regoli tranżitorji madwar l-Unjoni kollha għal allokazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2011, L 130, p. 1).

5 Dokumenti ta’ Referenza dwar l-Aħjar Tekniki Disponibbli (BREF) stabbiliti skont id-Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta’ Jannar 2008, dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġiż (ĠU 2008, L 24, p. 8).

d-Deċiżjoni 2007/589/KE[6]; (3) tinkludi fabbrika li tipproduċi kemm minerali sinterizzati kif ukoll pritkuni fl-installazzjonijiet ta' riferiment għad-determinazzjoni tal-parametru referenzjarju għal minerali sinterizzat; u fl-aħħar nett (4) tipproċedi b'dak il-mod mingħajr ma jingħadu speċifikament ir-raġunijiet għal dan.

3. Mad-daqqa ta' għajn, id-domandi magħmula huma tekniċi ħafna fin-natura. Madankollu, dan ma għandux inaqqas mis-sinjifikat ta' dawk id-domandi. Minn naħa, fil-klima li qiegħda tinbidel tal-lum, l-iskema tal-iskambju ta' emissjonijiet li stabbilixxiet id-Direttiva 2003/87 tikkostitwixxi mingħajr dubju l-fundament tal-politika ambjentali tal-Unjoni[7]. Min-naħa l-oħra, fil-kuntest tal-iktar sena sħuna li qatt ġiet irreġistrata, fejn ix-xjenzjati rrapportaw, b'mod partikolari, livelli l-iktar baxxi ta' kull żmien fil-livelli tas-silġ tal-baħar tal-Artiku, l-importanza tad-domandi magħmula ma tistax tiġi enfasizzata żżejjed.

4. F'dan li se jsegwi, se nispjega għaliex il-Kummissjoni ddeterminat il-parametri referenzjarji msemmija fid-Deċiżjoni 2011/278 f'konformità mad-Direttiva 2003/87.

## I. Il-kuntest ġuridiku

### A. Id-Direttiva 2003/87

5. L-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87 jipprovdi għall-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas għall-perijodu tranżitorju 2013 sa 2020. Il-paragrafi 1 sa 3, 6 u 12 tiegħu jipprovdu:

"1. Sal-31 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni għandha tadotta, miżuri ta' implimentazzjoni sabiex ikunu applikabbli mal-Komunità kollha li jkunu kompletament armonizzati għall-allokazzjoni tal-kwoti msemmija fil-paragrafi 4, 5, 7 u 12 inkluża kwalunkwe dispożizzjoni neċessarja għall-applikazzjoni armonizzata tal-paragrafu 19 ta' dan l-Artikolu.

Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 23(3).

Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom, safejn ikun fattibbli, jiddeterminaw punti ta' riferiment *ex ante* Komunitarji sabiex jiżguraw li l-allokazzjoni sseħħ b'mod li tagħti inċentivi għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gass serra u għal teknika ta' effiċjenza fl-enerġija, billi tqis it-teknika l-aktar effiċjenti, is-sostituti, il-proċessi alternattivi ta' produzzjoni, il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, l-irkupru effiċjenti tal-enerġija mill-gassijiet tal-iskart, l-użu tal-bijomassa u tal-ġabra u l-ħażna tas-$CO_2$, fejn dawn il-faċilitajiet ikunu disponibbli, u ma għandhiex tipprovdi inċentivi biex jiżdiedu l-emissjonijiet. M'għandha ssir ebda allokazzjoni gratis fir-rigward ta' kwalunkwe produzzjoni tal-elettriku, ħlief għall-każijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 10c u l-elettriku prodott mill-gassijiet tal-iskart.

Fil-prinċipju, għal kull settur u subsettur, il-punt ta' riferiment għandu jiġi kkalkulat għall-prodotti aktar milli għall-inputs, sabiex jiġu mmassimizzati kemm jista' jkun it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-iffrankar mill-effiċjenza enerġetika matul kull proċess ta' produzzjoni tas-settur jew subsettur ikkonċernat.

6 Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-18 ta' Lulju 2007, li tistabbilixxi linji ta' gwida dwar il-monitoraġġ u r-rapportaġġ tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra skond id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2007 L 229, p. 1).

7 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro f'Arcelor Atlantique *et* Lorraine *et*, C-127/07, EU:C:2008:292, punt 2.

Fid-definizzjoni tal-prinċipji għall-istabbiliment tal-punti ta' riferiment *ex ante* f'setturi u subsetturi individwali, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-partijiet interessati, inklużi s-setturi u subsetturi kkonċernati.

Mal-approvazzjoni mill-Komunità ta' ftehim internazzjonali dwar il-bidla fil-klima li jwassal għal tnaqqis mandatorju tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra paragunabbli ma' dawk tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha tirrivedi dawk il-miżuri li jipprovdu li l-allokazzjoni gratis isseħħ biss meta din tkun ġustifkata kompletament fid-dawl ta' dak il-ftehim.

2. Fid-definizzjoni tal-prinċipji għall-istabbiliment tal-punti ta' riferiment f'setturi jew subsetturi individwali, il-punt ta' bidu għandu jkun ir-rendiment medju tal-istallazzjonijiet li jiffurmaw l-ogħla 10 % tal-aktar istallazzjonijiet effiċjenti f'settur jew subsettur fil-Komunità fis-snin 2007-2008. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-partijiet interessati, inklużi s-setturi u subsetturi kkonċernati.

Ir-Regolamenti taħt l-Artikoli 14 u 15 għandhom jipprovdu għal regoli armonizzati dwar il-monitoraġġ, l-irrappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra relatati mal-produzzjoni bil-ħsieb li jiġu ddeterminati punti ta' riferiment *ex ante*.

3. Suġġett għall-paragrafi 4 u 8, u minkejja l-Artikolu 10c allokazzjoni bi ħlas biss tingħata għal ġeneraturi tal-elettriku, għal istallazzjonijiet għall-ġbir tas-$CO_2$, għal pajpijiet għat-trasport tas-$CO_2$ jew għal siti tal-ħażna tas-$CO_2$.

[…]

6. L-Istati Membri jistgħu wkoll jadottaw miżuri finanzjarji favur is-setturi jew is-subsetturi determinati li jkunu esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba l-ispejjeż relatati mal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra li jidhru fil-prezzijiet tal-elettriku, sabiex ikun hemm kumpens għal dawk l-ispejjeż u kull fejn dawn il-miżuri finanzjarji jkunu konformi mar-regoli tal-għajnuna statali applikabbli u li jiġu adottati f'dan il-qasam. […]

[…]

12. […] fl-2013 u f'kull sena sussegwentement sal-2020, istallazzjonijiet f'setturi jew subsetturi esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għandhom jiġu allokati, konformement mal-paragrafu 1, kwoti gratis sa 100 % tal-kwantità determinata konformement mal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1."

## B. Id-Deċiżjoni 2011/278

6. Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-parametri referenzjarji tal-prodott imsemmija fl-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87 fid-Deċiżjoni 2011/278. Sabiex jinftiehem il-metodu applikat għad-determinazzjoni tal-parametri referenzjarji kkontestati għall-minerali sinterizzati u l-metall sħun, il-premessi li ġejjin huma ta' rilevanza partikolari. Dawn jgħidu (noti ta' qiegħ il-paġna esklużi):

"(2) Fid-definizzjoni tal-prinċipji għall-istabbiliment tal-parametri referenzjarji *ex-ante* f'setturi jew subsetturi individwali, il-punt tal-tluq għandu jkun ir-rendiment medju tal-installazzjonijiet li jiffurmaw l-ogħla 10 % tal-aktar installazzjonijiet effiċjenti f'settur jew subsettur fl-UE fis-snin 2007-2008 […]

[…]

(4) Safejn huwa fattibbli, il-Kummissjoni żviluppat parametri referenzjarji għall-prodotti, kif ukoll għall-prodotti intermedjarji li huma skambjati bejn l-installazzjonijiet, prodotti minn attivitajiet elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE. […] Meta prodott huwa sostitut dirett ta' prodott ieħor, it-tnejn għandhom ikunu koperti mill-istess parametru referenzjarju ta' prodott u d-definizzjoni ta' prodott relatata.

[…]

(6) Il-valuri tal-parametri referenzjarji għandhom ikopru l-emissjonijiet diretti kollha relatati mal-produzzjoni, inklużi l-emissjonijiet relatati mal-produzzjoni ta' sħana li tista' titkejjel użata għall-produzzjoni, irrispettivament minn jekk is-sħana li tista' titkejjel kinitx prodotta fuq il-post jew minn installazzjoni oħra. L-emissjonijiet relatati mal-produzzjoni tal-elettriku u mal-esportazzjoni tas-sħana li tista' titkejjel, inklużi l-emissjonijiet evitati ta' produzzjoni alternattiva tas-sħana u l-elettriku fil-każijiet ta' proċessi eżotermiċi jew il-produzzjoni tal-elettriku mingħajr emissjonijiet diretti, kienu mnaqqsa meta ġew stabbiliti l-valuri tal-parametri referenzjarji. […]

(7) Sabiex ikun żgurat li l-parametri referenzjarji iwasslu għal tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, għal xi proċessi tal-produzzjoni fejn l-emissjonijiet diretti eliġibbli għall-allokazzjoni mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet u l-emissjonijiet mhux diretti mill-produzzjoni tal-elettriku mhux eliġibbli għal allokazzjoni mingħajr ħlas fuq il-bażi tad-Direttiva 2003/87/KE sa ċertu punt jistgħu jinbidlu, l-emissjonijiet totali inklużi l-emissjonijiet mhux diretti relatati mal-produzzjoni tal-elettriku ġew ikkunsidrati għad-determinazzjoni tal-valuri tal-parametri referenzjarji biex ikunu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-fjuwil u l-installazzjonijiet li jużaw l-elettriku b'mod intensiv. Għall-finijiet tal-allokazzjoni tal-kwoti tal-emissjonijiet fuq il-bażi tal-parametri referenzjarji ikkonċernati, se jitqies biss is-sehem tal-emissjonijiet diretti fl-emissjonijiet totali sabiex ikun evitat il-provvediment ta' allokazzjoni mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet għall-emissjonijiet relatati mal-elettriku.

(8) Għad-determinazzjoni tal-valuri tal-parametri referenzjarji, il-Kummissjoni użat bħala l-punt tat-tluq il-medja aritmetrika tar-rendiment tal-gassijiet serra tal-installazzjonijiet li jiffurmaw l-ogħla 10 % tal-aktar installazzjonijiet effiċjenti tal-gassijiet serra fl-2007 u fl-2008 li għalihom inġabret id-dejta. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 10a(1) tad-Direttiva 2003/87/KE, analizzat għas-setturi kollha, li għalihom huwa stipulat fl-Anness I parametru referenzjarju ta' prodott, fuq il-bażi ta' informazzjoni addizzjonali li waslet mingħand diversi sorsi u fuq il-bażi ta' studju ddedikat li janalizza t-tekniki l-aktar effiċjenti u l-potenzjal ta' tnaqqis fil-livell Ewropew u internazzjonali, jekk dawn il-punti tat-tluq jirriflettux biżżejjed it-tekniki l-aktar effiċjenti, is-sostituti, il-proċessi alternattivi tal-produzzjoni, il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, l-irkupru effiċjenti tal-enerġija mill-gassijiet ta' skart, l-użu tal-bijomassa u tal-ġabra u l-ħażna tad-diossidu tal-karbonju, meta dawn il-faċilitajiet huma disponibbli. Id-dejta użata biex jiġu stabbiliti l-valuri tal-parametri referenzjarji inġabret minn firxa wiesgħa ta' sorsi sabiex ikun kopert il-massimu tal-installazzjonijiet li kienu qed jipproduċu prodott b'parametru referenzjarju fis-snin 2007 u 2008. L-ewwel nett, id-dejta dwar ir-rendiment tal-gassijiet serra tal-installazjonijiet ETS li jipproduċu prodott b'parametru referenzjarju inġabret mill-assoċjazzjonijiet Ewropew tas-setturi rispettivi jew f'isimhom fuq il-bażi ta' regoli definiti, l-hekk imsejħa 'kotba tar-regoli settorjali'. Bħala referenza għal dawn il-kotba tar-regoli, il-Kummissjoni pprovdiet gwida rigward il-kriterji tal-kwalità u l-verifika għad-dejta tal-parametri referenzjarji għall-EU-ETS. It-tieni nett, biex ikun ikkumplimentat il-ġbir tad-dejta mill-assoċjazzjonijiet Ewropej tas-settur, konsulenti f'isem il-Kummissjoni Ewropea ġabru dejta mill-installazzjonijiet mhux koperti mid-dejta tal-industrija u saħansitra awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri pprovdew dejta u analiżi.

[…]

(10) Meta diversi prodotti jiġu prodotti f'installazzjoni waħda u l-assenjament ta' emissjonijiet lill-prodotti individwali ma kienx meqjus bħala fattibbli, l-installazzjonijiet ta' prodott wieħed ġew koperti mill-ġbir tad-dejta u inklużi fl-istabbiliment tal-parametri referenzjarji. Dan jikkonċerna l-parametri referenzjarji ta' prodott għall-ġir, il-ġir dolomitiku, il-fliexken u l-vażetti tal-ħġieġ bla kulur, il-fliexken u l-vażetti tal-ħġieġ ikkulurit, il-briks tal-faċċata, l-unitajiet tal-pavimentar, l-isprej ta' trab ta' sustanzi mnixxfin, karta fina mhux miksija, karta assorbenti, testliner u kartun tal-fluting, kartun mhux miksi kif ukoll kartun miksi. Biex iżżid is-sinifikat u tikkontrolla l-plawsibilità tar-riżultati, il-valuri għall-medja tar-rendiment tal-ogħla 10 % tal-aktar installazzjonijiet effiċjenti tqabblu mal-letteratura tat-tekniki l-aktar effiċjenti.

(11) Fil-każ li ma kienet disponibbli l-ebda dejta jew l-ebda dejta ma nġabret f'konformità mal-metodoloġija tal-parametri referenzjarji, l-informazzjoni rigward il-livelli attwali ta' emissjonijiet u konsum u dwar it-tekniki l-aktar effiċjenti, prinċipalment miksuba mid-Dokumenti ta' Referenza dwar l-Aħjar Tekniki Disponibbli (BREF) stabbiliti skont id-Direttiva 2008/1/KE […] intużat biex jinkisbu l-valuri tal-parametri referenzjarji. B'mod partikolari, minħabba nuqqas ta' dejta rigward it-trattament tal-gassijiet ta' skart, l-esportazzjoni tas-sħana u l-produzzjoni tal-elettriku, il-valuri għall-parametri referenzjarji ta' prodott għall-kokk u l-metall sħun inkisbu minn kalkoli tal-emissjonijiet diretti u indiretti fuq il-bażi tal-informazzjoni dwar il-flussi tal-enerġija rilevanti pprovduti mill-BREF rilevanti u l-fatturi tal-emissjonijiet definiti minn qabel stipulati fid-Deċiżjoni 2007/589/KE […]. Għall-parametru referenzjarju ta' prodott għall-minerali sinterizzati, id-dejta ġiet ukoll korretta fuq il-bażi ta' flussi ta' enerġija rilevanti pprovduti mill-BREF, waqt li tqieset il-kombustjoni tal-gassijiet ta' skart fis-settur.

(12) Meta l-kisba ta' parametru referenzjarju ta' prodott ma kinitx fattibbli, imma jkun hemm gassijiet serra eliġibbli għall-allokazzjoni mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet, dawn il-kwoti għandhom ikunu allokati fuq il-bażi ta' mudelli ġeneriċi ta' riżerva. Ġiet żviluppata ġerarkija ta' tliet mudelli ta' riżerva sabiex ikun immassimizzat it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-iffrankar mill-enerġija għal mill-inqas xi partijiet mill-proċessi ta' produzzjoni kkonċernati. Il-parametru referenzjarju tas-sħana huwa applikabbli għall-proċessi tal-konsum tas-sħana meta jintuża trasportatur tas-sħana li jista' jitkejjel. Il-parametru referenzjarju tal-fjuwil huwa applikabbli meta tiġi kkunsmata sħana li ma tistax titkejjel. Il-valuri tal-parametri referenzjarji tas-sħana u l-fjuwil inkisbu fuq il-bażi tal-prinċipji tat-trasparenza u s-simpliċità, bl-użu tal-effiċjenza ta' referenza ta' fjuwil disponibbli b'mod wiesa' li jista' jitqies bħala t-tieni l-aħjar fir-rigward tal-effiċjenza fil-gassijiet serra, meta jitqiesu t-tekniki effiċjenti fl-enerġija. Għall-emissjonijiet minn proċessi, il-kwoti tal-emissjonijiet għandhom ikunu allokati fuq il-bażi tal-emissjonijiet storiċi […]

[…]

(32) Huwa wkoll xieraq li l-parametri referenzjarji ta' prodott iqisu l-irkupru effiċjenti tal-enerġija mill-gassijiet ta' skart u l-emissjonijiet relatati mal-użu tagħhom. Għal dan il-għan, għad-determinazzjoni tal-valuri tal-parametri referenzjarji ta' prodotti li l-produzzjoni tagħhom tiġġenera l-gassijiet bħala skart, tqies sew il-kontenut tal-karbonju ta' dawn il-gassijiet ta' skart. Meta l-gassijiet ta' skart ikunu esportati mill-proċess tal-produzzjoni lil hinn mill-konfini tas-sistema tal-parametru referenzjarju tal-prodott rilevanti u jinħarqu għall-produzzjoni tas-sħana 'l barra mill-konfini tas-sistema ta' parametru referenzjarju ta' proċess hekk kif iddefinit fl-Anness I, l-emissjonijiet relatati għandhom jitqiesu permezz tal-allokazzjoni ta' kwoti tal-emissjonijiet addizzjonali fuq il-bażi tal-parametru referenzjarju tas-sħana jew tal-fjuwil. Minħabba l-prinċipju ġenerali li jgħid li l-ebda kwota tal-emissjonijiet ma għandha tkun allokata mingħajr ħlas fir-rigward ta' kwalunkwe produzzjoni tal-elettriku, biex ikun evitat kull xkiel mhux xieraq għall-kompetizzjoni fis-swieq tal-elettriku fornut lill-installazzjonijiet industrijali u billi jitqies il-prezz tal-karbonju inerenti fl-elettriku, huwa xieraq li, meta l-gassijiet ta' skart ikunu esportati mill-proċess tal-produzzjoni lil hinn mill-konfini tas-sistema tal-parametru

referenzjarju ta’ prodott rilevanti u jinħarqu għall-produzzjoni tal-elettriku, l-ebda kwota addizzjonali ma tkun allokata lil hinn mis-sehem tal-kontenut tal-karbonju tal-gass tal-iskart meqjus fil-parametru referenzjarju ta’ prodott rilevanti.”

7. Il-parametri referenzjarji għal minerali sinterizzati u metall sħun huma stabbiliti fl-Anness I tad-deċiżjoni. Il-valuri huma stabbiliti bħala 0.171 u 1.328 kwoti/tunnellati rispettivi.

## II. Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari

8. Fil-proċeduri prinċipali quddiem it-Tribunal administratif de Montreuil (qorti amministrattiva, Montreuil), ArcelorMittal Atlantique et Lorraine (iktar ’il quddiem “ArcelorMittal”) titlob l-annullament tad-Digriet tal-Ministru għall-Ekoloġija, l-Iżvilupp Sostenibbli u l-Enerġija tal-24 ta’ Jannar 2014 li jistabbilixxi lista tal-operaturi li ġewlhom allokati kwoti ta’ emissjonijiet tal-gass serra u l-ammont ta’ kwoti allokati mingħajr ħlas għall-perijodu 2013 sa 2020[8]. Barra minn hekk, talbet lill-qorti tannulla d-deċiżjoni tal-Ministru tal-11 ta’ Ġunju 2014 li tiċħad ir-rikors tagħha sabiex dak id-digriet jiġi rtirat.

9. Id-digiret inkwistjoni ġie adottat skont id-Deċiżjoni 2011/278. ArcelorMittal issostni, essenzjalment, li d-digriet u d-deċiżjoni tal-Ministru huma illegali billi huma bbażati fuq id-Deċiżjoni 2011/278, li min-naħa tagħha ma hijiex kompatibbli mad-Direttiva 2003/87. Skont din, dan huwa allegatament hekk għar-raġuni li minn naħa, il-Kummissjoni ma qisitx l-emissjonijiet ta’ gass relatat ma’ skart użat għall-produzzjoni tal-elettriku fil-kalkolu tal-parametru referenzjarju għall-metall sħun u li, min-naħa l-oħra, l-aħjar data disponibbli ma ntużatx fid-determinazzjoni ta’ dak il-parametru referenzjarju. Barra minn hekk, ArcelorMittal tikkunsidra li l-parametru referenzjarju għal minerali sinterizzati ma huwiex korrett għaliex l-emissjonijiet ta’ installazzjoni li tipproduċi pritkuni wkoll kienu inklużi fil-kalkolu ta’ dak il-parametru referenzjarju.

10. Il-qorti tar-rinviju tirrikonoxxi li skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87 il-Kummissjoni tgawdi minn diskrezzjoni wiesgħa fid-determinazzjoni tal-parametru referenzjarju għall-allokazzjoni ta’ kwoti ta’ emissjoni mingħajr ħlas. Minkejja dan, hija għandha dubji dwar jekk il-parametri referenzjarji għall-metall sħun u minerali sinterizzati humiex kumpatibbli mad-direttiva. Dan huwa għaliex hija ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel dawn id-domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari:

“(1) Fid-[Deċiżjoni 2011/278/UE] tagħha, billi eskludiet mill-valur tal-parametru referenzjarju tal-metall sħun, l-emissjonijiet marbuta mal-gassijiet tal-iskart irriċiklati fil-produzzjoni tal-elettriku, il-Kummissjoni Ewropea kisret l-Artikolu 10a(1) tad-[Direttiva 2003/87/KE] dwar ir-regoli li jistabbilixxu parametri referenzjarji *ex-ante* u b’mod partikolari l-għan ta’ rkupru effiċjenti ta’ enerġija mill-gassijiet tal-iskart u l-possibbiltà ta’ allokazzjoni ta’ kwoti mingħajr ħlas fil-każ tal-elettriku prodott mill-gassijiet tal-iskart?

(2) Billi f’din id-deċiżjoni bbażat ruħha fuq id-data li tirriżulta mill-[‘BREF’ għall-produzzjoni tal-ħadid u azzar] u [mid-Deċiżjoni 2007/589] għad-determinazzjoni tal-parametru referenzjarju tal-metall sħun, il-Kummissjoni kisret l-obbligu tagħha li tuża l-iktar data xjentifika preċiża u aġġornata disponibbli u/jew il-prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba?

8 L’arrêté du ministre de l’écologie, du développement durable et de l’énergie du 24 janvier 2014 fixant la liste des exploitants auxquels sont affectés les quotas d’émissions de gaz à effet de serre et le montant des quotas affectés à titre gratuit pour la période 2013-2020 (JORF Nru 0038 tal-14 ta’ Frar 2014, p. 2551, Nru 19).

(3) Fid-[Deċiżjoni 2011/278], l-għażla [tal-Kummissjoni], jekk tiġi pprovata, li tinkludi fabbrika li tipproduċi kemm minerali sinterizzati kif ukoll pritkuni fl-installazzjonijiet ta' riferiment għad-determinazzjoni tal-parametru referenzjarju tal-minerali sinterizzati, hija tali li tivvizzja b'illegalità l-valur ta' dan il-parametru referenzjarju?

(4) Il-Kummissjoni kisret l-obbligu ta' motivazzjoni impost mill-Artikolu 296 [TFUE] billi ma ppreċiżatx speċifikament fid-[Deċiżjoni 2011/278] r-raġunijiet għal din l-għażla?"

11. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn ArcelorMittal Atlantique et Lorraine, mill-Gvernijiet ta' Franza u tal-Ġermanja u mill-Kummissjoni. Saru s-sottomissjonijiet orali fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2017 minn ArcelorMittal, il-Gvernijiet ta' Franza u tal-Isvezja u l-Kummissjoni.

## III. Evalwazzjoni

### A. Introduzzjoni

12. Sabiex jinftiehem il-kuntest ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari, ikun utli illi wieħed jibda billi jindika l-prinċipji bażiċi tal-iskema tal-iskambju ta' emissjonijiet tal-Unjoni.

13. Mingħajr preċedent f'termini ta' ambizzjoni u ta' portata, l-iskema għall-iskambju ta' emissjonijiet tal-Unjoni saret operattiva f'Jannar 2005. Hija ddisinjata biex tippromwovi t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mod li huwa effettiv f'termini ta' nfiq u ekonomikament effiċjenti. Mill-bidu nett, l-għan iddikjarat kien li jiġi żgurat li l-impenji konġunti dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Istati Membri li jirriżultaw mill-Protokoll ta' Kyoto jitwettqu[9]. Dawk l-impenji evolvew maż-żmien. Hekk għamlet ukoll l-iskema tal-iskambju ta' emissjonijiet tal-Unjoni.

14. Matul l-ewwel żewġ fażijiet (l-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2007 u l-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2012) tal-iskema tal-iskambju ta' emissjonijiet, l-Istati Membri kienu responsabbli għall-ħruġ ta' kwoti ta' emissjonijiet skont il-pjanijiet ta' allokazzjoni nazzjonali. Matul dak il-perijodu, il-maġġoranza tal-kwoti tal-emissjonijiet ġew allokati mingħajr ħlas.

15. Bħala riżultat tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2009/29, id-Direttiva 2003/87 għaddiet minn tibdil konsiderevoli. Dak it-tibdil jirrigwarda it-tielet fażi (mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2020) tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet[10]. L-estensjoni tal-iskema għall-oqsma ġodda tal-ekonomija u emendi sostanzjali oħra ġew introdotti sabiex dik l-iskema tiġi adattata għall-impenji internazzjonali bbażati fuq riċerka kontemporanja fuq it-tibdil fil-klima u l-evoluzzjoni ta' miri ta' tnaqqis li jirriflettu din ir-riċerka[11].

16. Kuntrarjament għal dak li ġara fl-ewwel żewġ fażijiet, il-proċess għall-allokazzjoni ta' kwoti tal-emissjonijiet issa huwa armonizzat fil-livell tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tistabbilixxi l-ammont totali ta' kwoti disponibbli fl-Unjoni. Dak l-ammont jonqos b'1.74 % kull sena mill-2010 'il quddiem. Għalkemm l-irkantar sħiħ għandu jseħħ matul medda ta' żmien twil, tpoġġiet fis-seħħ sistema tranżitorja għal setturi li ma humiex tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. Taħt dik is-sistema, l-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas fl-industrija tal-manifattura għandha tonqos gradwalment minn 80 % fl-2013 għal 30 % fl-2020. L-għan iddikjarat huwa li ma jkun hemm l-ebda allokazzjoni mingħajr ħlas fl-2027.

9 Mira tat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' 8% ipparagunat mal-livell tal-1990.

10 Hemm ippjanata reviżjoni ulterjuri għall-perijodu wara l-2020. Fl-2015, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għar-reviżjoni tas-sistema tal-iskambju tal-emissjonijiet għall-perijodu wara l-2020: Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE, biex ittejjeb it-tnaqqis kosteffettiv [effettiv f'termini ta' nfiq] tal-emissjonijiet u investimenti b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju, Brussell, 15 ta' Lulju 2015 COM(2015) 337 finali. Dik il-proposta għandha tikkontribwixxi sabiex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gass serra b'tal-inqas 40 % sal-2030 bħala parti mill-kontribut tal-Unjoni għall-Ftehim ta' Pariġi.

11 Il-mira ta' 20 % taħt il-livelli tal-1990 ġiet iffissata sabiex tintlaħaq sal-2020, u dik ta' 50 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2050.

17. Fir-rigward tas-setturi li jitqiesu li jsofru minn riskju għoli ta' rilaxx ta' karbonju [12], dawk is-setturi jirċievu kwoti b'xejn f'100 % tal-kwantità ta' kwoti mingħajr ħlas. Din il-kwantità hija ddeterminata, bħala regola, fuq il-bażi tal-kwantità tal-produzzjoni tal-installazzjoni (imkejla f'tunnellati tal-prodott) immultiplikata bil-valur tal-parametru referenzjarju tal-prodott rilevanti.

18. Taħt is-sistema tranżitorja, il-Kummissjoni tassumi rwol ewlieni.

19. Fil-bidu tat-tielet fażi, il-Kummissjoni vverifikat li l-listi pprovduti minn kull Stat Membru tal-installazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2003/87 u tan-numru ta' kwoti mingħajr ħlas li jiġu allokati lil dawk l-installazzjonijiet kienu kompleti u li dawk il-listi kienu jikkonformaw mal-kuntest ġuridiku rilevanti [13]. Fuq dik il-bażi, l-Istati Membri ħadu d-deċiżjonijiet ta' allokazzjoni finali għall-perijodu mill-2013 sal-2020. Peress li l-allokazzjoni mitluba għall-installazzjonijiet kollha fl-Unjoni jaqbżu l-ammont totali disponibbli għall-allokazzjoni mingħajr ħlas, l-allokazzjoni għal kull installazzjoni tnaqqset mill-Kummissjoni. Dak huwa magħruf bħala l-"fattur ta' korrezzjoni transsettorjali uniformi", li kien ukoll is-suġġett ta' kawżi reċenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja [14].

20. Sabiex jitlaħqu l-għanijiet tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet, ir-regoli għall-allokazzjoni mingħajr ħlas huma ta' sinjifikat partikolari. Fil-fatt, huwa ta' importanza fundamentali li l-allokazzjoni mingħajr ħlas ma taqbiżx dak li huwa meħtieġ. Il-Kummissjoni stabbilixxiet dawk ir-regoli, li huma applikabbli fi ħdan l-Unjoni Ewropea, fid-Deċiżjoni 2011/278.

21. F'dik id-deċiżjoni, il-Kummissjoni ddeterminat il-parametri referenzjarji li jiffunzjonaw bħala l-bażi għall-allokazzjoni mingħajr ħlas għal kull installazzjoni. B'mod ġenerali, parametru referenzjarju ta' prodott huwa bbażat fuq l-emissjonijiet medji ta' gass serra tal-10 % tal-installazzjonijiet l-iktar effiċjenti li jipproduċu l-prodott fl-Unjoni. Il-ħsieb wara dan hu li l-installazzjonijiet li ma jissodisfawx dawk il-parametri referenzjarji jirċievu inqas kwoti mingħajr ħlas milli fil-fatt għandhom bżonn.

22. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tindirizza minn numru ta'perspettivi l-legalità tal-metodu applikat mill-Kummissjoni fid-determinazzjoni tal-parametri referenzjarji tal-prodott rilevanti. Issa ser nikkunsidra d-domandi magħmula f'iktar dettall.

## B. Il-validità tad-Deċiżjoni 2011/278

23. Preliminarjament, għandu jiġi osservat li l-Kummissjoni tgawdi minn diskrezzjoni wiesgħa fid-determinazzjoni ta' parametri referenzjarji fil-kuntest tal-iskema tal-iskambju ta' emissjonijiet tal-Unjoni. Mill-Artikolu 10a(1) tad-Direttiva 2003/87 isegwi li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra firxa kbira ta' parametri meta tiffissa l-parametri referenzjarji tal-prodott li jifformaw il-bażi għall-allokazzjoni ta' kwoti tal-emissjonijiet mingħajr ħlas. Dak l-istess paragrafu jispeċifika li dawk il-parametri għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni "safejn ikun fattibbli". Għaldaqstant, minħabba n-natura teknika tal-applikazzjoni tal-parametri referenzjarji, l-istħarriġ ġudizzjarju li għandha tagħmel il-Qorti tal-Ġustizzja jkun limitat għall-verifika li l-miżura ma hijiex manifestament mhux xierqa [15].

24. Huwa f'dak id-dawl li d-domandi li saru lill-Qorti tal-Ġustizzja għandhom jiġu evalwati.

12 Ir-rilaxx tal-karbonju juri sitwazzjoni fejn, minħabba r-restrizzjonijiet tal-karbonju fl-Unjoni, l-impriżi jmexxu l-produzzjoni tagħhom lejn pajjiżi b'miżuri dwar il-klima inqas ambizzjużi. Ara, għall-aħħar lista, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/746/UE, tas-27 ta' Ottubru 2014, li tiddetermina, skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, lista ta' setturi u subsetturi meqjusa li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għall-perijodu mill-2015 sal-2019 (ĠU 2014, L 308, p. 114).

13 Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/448/UE, tal-5 ta' Settembru 2013, dwar miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali għall-allokazzjoni tranżizzjonali mingħajr ħlas ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2013, L 240, p. 27).

14 Ara s-sentenzi tat-28 ta' April 2016, Borealis Polyolefine *et*, C-191/14, C-192/14, C-295/14, C-389/14 u C-391/14 sa C-393/14, EU:C:2016:311; tat-8 ta' Settembru 2016, Borealis *et*, C-180/15, EU:C:2016:647; u tas-26 ta' Ottubru 2016, Yara Suomi *et*, C-506/14, EU:C:2016:799.

15 Sentenzi tat-8 ta' Settembru 2016, Borealis *et*, C-180/15, EU:C:2016:647, punt 45, u tas-26 ta' Ottubru 2016, Yara Suomi *et*, C-506/14, EU:C:2016:799, punt 37.

### *1. Il-parametru referenzjarju għal metall sħun: produzzjoni tal-elettriku minn gassijiet ta' skart*

25. Bl-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-metodu użat mill-Kummissjoni biex tiffissa l-parametru referenzjarju għal metall sħun skont id-Deċiżjoni 2011/278 huwiex kompatibbli mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10a(1) tad-Direttiva 2003/87.

26. It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(a)(1) tad-Direttiva 2003/87 jipprovdi, b'mod partikolari, li l-irkupru effiċjenti tal-enerġija minn gassijiet ta' skart għandu jittieħed inkunsiderazzjoni meta jiġu applikati l-parametri referenzjarji. Dan sabiex jiġi żgurat li l-allokazzjoni ssir b'mod li tipprovdi inċentivi għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra u għal tekniki ta' enerġija effiċjenti. Dik l-istess dispożizzjoni tgħid ukoll li ma għandha ssir l-ebda allokazzjoni mingħajr ħlas fir-rigward tal-produzzjoni tal-elettriku, ħlief għall-elettriku prodott minn gassijiet ta' skart.

27. Fid-dawl ta' dik id-dispożizzjoni ArcelorMittal tilmenta li fl-iffissar tal-parametri referenzjarji għall-metall sħun, l-emissjonijiet kollha li jappartjenu għall-użu ta' gassijiet ta' skart għall-produzzjoni ta' elettriku kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni.

28. Minħabba dak l-ilment il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-kompatibbiltà tad-Deċiżjoni 2011/278 mad-Direttiva 2003/87. Hija tistaqsi jekk il-metodu applikat mill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-parametru referenzjarju għal metall sħun jistax jiġi rrikonċiljat mal-għan tal-irkupru tal-enerġija effiċjenti ta' gassijiet ta' skart, fuq naħa, u mal-eċċezzjoni dwar l-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas għall-elettriku prodott minn gassijiet ta' skart, min-naħa l-oħra.

29. L-ewwel nett, il-partijiet li ssottomettew l-osservazzjonijiet jaqblu li, bħala regola, il-kwoti ma għandhomx jiġu allokati mingħajr ħlas għall-produzzjoni tal-elettriku. Dan jirriżulta b'ċarezza mill-Artikolu 10a(1) u (3) tad-Direttiva 2003/87. Madankollu, minħabba l-eċċezzjoni dwar l-allokazzjoni mingħajr ħlas għall-elettriku prodott minn gassijiet ta' skart stabbilita fl-Artikolu 10a(1) tad-direttiva, jibqa' n-nuqqas ta' qbil dwar kif l-elettriku prodott minn gassijiet ta' skart għandu jiġi ttrattat u jekk l-għażla li għamlet il-Kummissjoni tikkontribwixxix għall-irkupru effiċjenti ta' dawk il-gassijiet.

30. Qabel ma ngħaddi biex nikkunsidra dik il-kwistjoni, jista' jkun utli li jiġi nnotat li l-gassijiet ta' skart jikkostitwixxu prodott sekondarju inevitabbli tal-manifattura tal-kokk u tal-azzar. Dawk il-gassijiet huma rkuprati u użati l-iktar għall-produzzjoni tal-elettriku, iżda anki fuq livell minuri għall-fran fil-kalkari ta' funderija, għat-tqabbid ta' impjanti tal-fran tal-kokk, ignixin ta' stands tas-sinter u t-tisħin mill-ġdid ta' fran. L-elettriku huwa prodott jew ġewwa l-installazzjoni nnifisha jew barra mill-installazzjoni minn terz. Kemm ekonomikament kif ukoll ambjentalment, l-irkupru u l-użu mill-ġdid ta' gassijiet ta' skart bħala fjuwil jagħmel ferm iktar sens milli r-rilaxx ta' dawk il-gassijiet jew il-ħruq tagħhom għall-ebda użu utli [16].

#### *a) Irkupru effiċjenti tal-gassijiet ta' skart*

31. L-użu ta' gassijiet ta' skart bħala fjuwil jista' jispjega għaliex l-Artikolu 10a(1) tad-Direttiva 2003/87 jinkludi l-promozzjoni tal-użu ta' gassijiet ta' skart fost l-inċentivi għat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gass serra u jintużaw tekniki effiċjenti ta' enerġija. Jispjega wkoll għaliex dik id-dispożizzjoni toħloq eċċezzjoni bl-esklużjoni tal-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas għal elettriku prodott minn gassijiet ta' skart [17].

16 Dan jidher li huwa hekk minkejja l-fatt li, kif spjegat ArcelorMittal, hemm spejjeż konsiderevoli involuti fit-trasformazzjoni ta' gassijiet ta' skart fi fjuwil.

17 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott f'Borealis Polyolefine, C-191/14, C-192/14, C-295/14, C-389/14 u C-391/14 sa C-393/14, EU:C:2015:754, punti 68 u 69.

32. Madankollu, kuntrarjament għal dak li ssostni ArcelorMittal, ma nsib l-ebda appoġġ fid-direttiva għall-fehma li l-emissjonijiet ta' gass serra *kollha* li jirriżultaw mill-kombustjoni ta' gassijiet ta' skart għandhom awtomatikament jagħtu lok għal allokazzjoni ta' kwoti tal-emissjonijiet mingħajr ħlas fuq il-bażi tal-applikazzjoni tal-parametri referenzjarji.

33. B'mod iktar speċifiku, ma hemm xejn fl-Artikolu 10a(1) tad-Direttiva 2003/87 li jindika *sa fejn* il-produzzjoni tal-elettriku minn gassijiet ta' skart għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-applikazzjoni tal-parametri referenzjarji. Ċertament, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10a(1) tad-Direttiva 2003/87, moqri kumplessivament, jippermetti t-teħid inkunsiderazzjoni tal-produzjoni tal-elettriku minn gassijiet ta' skart. Madankollu tagħmel hekk biss sa fejn huwa fattibbli fid-dawl tal-bżonn li jiġi promoss l-irkupru effiċjenti ta' gassijiet ta' skart u l-għan kumplessiv ta' dik id-direttiva biex jitnaqqsu l-emssissjonijiet serra [18].

34. Dan iwassalni għall-kwistjoni tal-irkupru effiċjenti ta' gassijiet ta' skart u l-għan kumplessiv tad-direttiva.

35. Il-permessa 32 tad-Deċiżjoni 2011/278 tispjega li, meta fformulat il-parametru referenzjarju għal metall sħun, il-Kummissjoni fil-fatt qieset l-irkupru effiċjenti ta' gassijiet ta' skart. Il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li gassijiet ta' skart jinħarqu għall-ġenerazzjoni tal-elettriku (jew tas-sħana) fis-settur tal-azzar. Għal dik ir-raġuni, il-parametru referenzjarju għal, b'mod partikolari, metall sħun, ġie aġġustat 'il fuq biex jinkludi mhux biss l-emissjonijiet relatati mal-produzzjoni ta' metall sħun, iżda wkoll dawk relatati mal-użu ta' gassijiet ta' skart.

36. Madankollu, il-parametru referenzjarju għal metall sħun ma jqisx l-emissjonijiet relatati mal-użu ta' gassijiet ta' skart għall-produzzjoni tal-elettriku sħiħa (iżda pjuttost, għal livell bejn wieħed u ieħor ta' 75 sa 80 %) [19].

37. Ir-raġuni għal dan ssir iktar evidenti fl-eżami tal-proċess. Fil-fatt, l-użu ta' gassijiet ta' skart għall-produzzjoni tal-elettriku ifisser li dawk il-gassijiet jintużaw bħala sostitut għal fjuwil ieħor. Globalment, dan jiffranka emissjonijiet ta' gassijiet serra, għaliex minflok l-użu ta' faħam sabiex issir l-azzar u fjuwil differenti (jiġifieri, il-gass naturali) għall-produzzjoni tal-elettriku, il-faħam biss huwa meħtieġ biex jiġu prodotti kemm l-elettriku kif ukoll l-azzar.

38. Sabiex jiġi ddeterminat sa fejn il-parametru referenzjarju tal-prodott għal metall sħun għandu jqis il-kontenut tal-karbonju tal-gassijiet ta' skart fil-produzzjoni tal-elettriku, il-Kummissjoni użat gass naturali bħala fjuwil ta' riferiment. Ir-riċiklaġġ ta' gassijiet ta' skart u l-użu tagħhom bħala fjuwil għall-produzzjoni tal-elettriku, minflok ma wieħed jirrikorri għall-gass naturali, ifisser li mill-installazzjoni inkwistjoni joħorġu iktar gassijiet serra. Kif spjegaw il-partijiet li għamlu osservazzjonijiet, ir-riċiklaġġ ta' gassijiet ta' skart jirriżulta f'madwar 75 % iktar gassijiet serra, ipparagunat ma' sitwazzjoni fejn il-gass naturali jintuża bħala fjuwil għall-produzzjoni tal-elettriku. Għall-promozzjoni tal-irkupru u l-użu ta' gassijiet ta' skart, l-allokazzjoni mingħajr ħlas għandha tqis dik iż-żieda sabiex ma jiġix ippenalizzat l-użu mill-ġdid ta' dawk il-gassijiet. Billi l-kwoti ta' emissjoni huma allokati lill-produttur abbażi tad-differenza fl-intensità tal-emissjoni bejn il-gass ta' skart u l-gass naturali, il-produzzjoni tal-elettriku minn gassijiet ta' skart la hija vantaġġata u lanqas svantaġġata meta mqabbla ma' installazzjoni li tipproduċi l-elettriku mill-gass naturali.

18 In-natura fakultattiva tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-produzzjoni tal-elettriku minn gassijiet ta' skart hija kkonfermata wkoll mill-premessa 23 tad-Direttiva 2009/29. Din tgħid: "Dawk ir-regoli armonizzati jistgħu wkoll iqisu l-emissjonijiet relatati mal-użu tal-gassijiet minn skart kombustibbli meta l-produzzjoni ta' dawn il-gassijiet tal-iskart ma tkunx tista' tiġi evitata fil-proċess industrijali. F'dan ir-rigward, ir-regoli *jistgħu* jipprovdu għal kwoti li jiġu allokati gratis lill-operaturi konċernati ta' istallazzjonijiet li jaħarqu gassijiet tal-iskart jew lill-operaturi ta' istallazzjonijiet fejn joriġinaw dawn il-gassijiet." (enfasi miżjuda).

19 Il-partijiet irriferew għal perċentwali diverġenti. Filwaqt li l-Gvern Franċiż isemmi 75%, il-Gvern Ġermaniż jirriferi għal 80%. Il-Kummissjoni u ArcelorMittal ma indikawx perċentwali eżatta.

39. L-allokazzjoni ta' kwoti fuq il-bażi ta' parametru referenzjarju li jqis dik iż-żieda fl-emissjonijiet li tirriżulta mill-użu ta' gassijiet ta' skart għall-produzzjoni tal-elettriku tidher li tinkoraġġixxi l-irkupru effiċjenti ta' dawn il-gassijiet.

40. Fis-sentenza Borealis Polyolefine *et*[20], li kienet tirrigwarda l-fattur ta' korrezzjoni transsettorjali, il-Qorti tal-Ġustizzja dan irrikonoxxietu. F'dik il- kawża, hija osservat li l-approċċ tal-Kummissjoni fil-fatt ħa inkunsiderazzjoni l-irkupru effiċjenti ta' gassijiet ta' skart. Il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li meta tieħu inkunsiderazzjoni l-użu ta' gassijiet ta' skart *fil-parti l-kbira* fil-formulazzjoni tal-parametru referenzjarju għal, b'mod partikolari, metall sħun, il-Kummissjoni riedet tinkoraġġixxi impriżi biex jużaw mill-ġdid jew ibigħu gassijiet ta' skart iġġenerati matul proċess ta' manifattura[21]. Il-Qorti tal-Ġustizzja tenniet dik il-pożizzjoni f'kawża sussegwenti[22].

## *b) Dikotomija bejn il-produzzjoni ta' sħana u elettriku u l-kwisjtoni tar-rilaxx tal-karbonju*

41. Huwa veru li teżisti assimetrija fil-metodoloġija magħżula mill-Kummissjoni: kwoti addizzjonali mingħajr ħlas jistgħu jiġu allokati għall-użu ta' gassijiet ta' skart meta dawk il-gassijiet jiġu esportati u maħruqa għall-produzzjoni ta' sħana. F'dak il-każ, jiġu allokati kwoti addizzjonali fuq il-bażi tal-parametru referenzjarju tas-sħana jew tal-fjuwil lill-konsumatur tas-sħana. Ma humiex disponibbli kwoti addizzjonali għal elettriku prodott minn gassijiet ta' skart.

42. Il-fatt li l-Kummissjoni ma kkunsidratx li kien xieraq li tiġi estiża l-allokazjoni ta' kwoti addizzjonali mingħajr ħlas għall-produzzjoni tal-elettriku minn ġeneratur tal-elettriku jirrifletti r-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 10a(3) tad-Direttiva 2003/87. Kif osservajt iktar 'il fuq, dik id-dispożizzjoni tipprovdi li l-ġenerazzjoni tal-elettriku ma għandhiex tirċievi kwoti mingħajr ħlas. F'dak ir-rigward, fil-premessa 32 tad-Deċiżjoni 2011/278, il-Kummissjoni tispjega li tali regola hija meħtieġa wkoll sabiex jiġu evitati distorsjonijiet indebiti tal-kompetizzjoni fis-swieq għall-elettriku pprovdut lill-installazzjonijiet industrijali u sabiex jittieħed inkusiderazzjoni l-prezz tal-karbonju inerenti fl-elettriku.

43. Fuq dak il-punt, ikolli nistqarr li għandi ċerta simpatija mal-argument ta' ArcelorMittal. Fil-fatt, ma iniex konvint li t-trattament assimmetriku tal-ġenerazzjoni ta' sħana u ta' elettriku hija meħtieġa sabiex jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq tal-elettriku. Il-bżonn għal dan it-trattament assimetriku jidher dubjuż sa fejn is-settur tal-azzar huwa konsumatur nett tal-elettriku u l-produzzjoni tal-elettriku minn gassijiet ta' skart tidher li tirrappreżenta mhux iżjed minn 1 % tal-produzzjoni totali tal-elettriku fl-Unjoni Ewropea. Minkejja dan, l-għażla tal-Kummissjoni tidher li hija għalkollox skont l-Artikolu 10a(3) tad-Direttiva u għalhekk ma tistax taffettwa l-validità tad-Deċiżjoni 2011/278.

44. Hawnhekk hemm bżonn li jiġi indirizzat ukoll l-argument ta' ArcelorMittal dwar ir-riskju tar-rilaxx tal-karbonju fis-settur tal-azzar. Hija targumenta, essenzjalment, li l-mod kif il-Kummissjoni stabbilixxiet il-parametru referenzjarju għall-metall sħun iżid ir-riskju ta' rilaxx fl-industrija tal-azzar li tuża ħafna enerġija kuntrarjament għall-għan tad-Direttiva 2003/87.

20 Sentenza tat-28 ta' April 2016, C-191/14, C-192/14, C-295/14, C-389/14 u C-391/14 sa C-393/14, EU:C:2016:311.

21 Punt 73.

22 Sentenza tat-8 ta' Settembru 2016, Borealis *et*, C-180/15, EU:C:2016:647, punt 48.

45. Jista' jagħti l-kas li metodoloġija oħra għall-applikazzjoni tal-parametru referenzjarju setgħet indirizzat dik il-kwistjoni[23] b'mod iktar xieraq, kif issuġġerit minn ArcelorMittal. Madankollu, ma għandux jintesa li d-Direttiva 2003/87 tindirizza r-riskju tar-rilaxx permezz ta' mekkaniżmu kumpensatorju stabbilit fl-Artikolu 10a(6) tagħha. Għaldaqstant, l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri finanzjarji favur setturi jew subsetturi kkonċernati. L-għajnuna tista' tingħata skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni fejn, minħabba spejjeż relatati mal-emissjonijiet ta' gass serra mgħoddija fil-prezzijiet tal-elettriku, hemm riskju sinjifikattiv ta' rilaxx tal-karbonju. Fi kliem ieħor, flimkien ma' li jirċievi kwoti mingħajr ħlas, is-settur tal-azzar jista' jkun eliġibbli għal għajnuna taħt dik ir-regola.

46. Iktar importanti minn hekk, ma huwiex faċilment osservabbli mis-sottomissjonijiet ta' ArcelorMittal (jew, mit-talba għal deċiżjoni preliminari) b'liema mod il-metodu applikat mill-Kummissjoni suppost jista' jżid ir-riskju tar-rilaxx tal-karbonju.

47. L-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87 hawnhekk ma jipprovdi ebda assistenza lil ArcelorMittal. L-Artikolu 10a(12) sempliċiment jgħid li installazzjonijiet fis-settur jew subsetturi li huma esposti għal riskju sinjifikattiv ta' rilaxx ta' karbonju għandhom jiġu allokati kwoti mingħajr ħlas fi 100 % tal-kwantità *ddeterminata skont il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1*. Huwa ċar li d-direttiva ma tgħidx li setturi kkunsidrati li huma f'riskju sinjifikattiv ta' rilaxx ta' karbonju għandhom, fiċ-ċirkustanzi kollha, jirċievu kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas li jikkorrespondu mal-emissjonijiet ta' gass serra li joħorġu minnhom.

48. Fuq il-bażi ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, jiena nikkonkludi li l-kunsiderazzjoni tal-ewwel domanda preliminari ma żvelat xejn li jaffettwa l-validità tad-Deċiżjoni 2011/278 dwar il-metodu użat mill-Kummissjoni li tistabbilixxi parametru referenzjarju għal metall sħun.

## *2. Il-parametru referenzjarju għal metall sħun: l-użu ta' data l-iktar preċiża u aġġornata*

49. It-tieni domanda preliminari tikkonċerna l-kwalità tad-data użata mill-Kummissjoni fl-iffissar ta' parametru referenzjarju għal metall sħun bis-saħħa tad-Deċiżjoni 2011/278. B'mod iktar speċifiku, din id-domanda tistaqsi jekk il-Kummissjoni għandhiex tuża data bbażata fuq il-BREF għall-produzzjoni ta' ħadid u azzar u d-Deċiżjoni 2007/589 fil-kalkolu ta' dak il-parametru referenzjarju mingħajr ma jinkiser l-Artikolu 10(a)(2) tad-Direttiva 2003/87 u l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

50. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tuża din id-data ma għandhiex, fil-fehma tiegħi, tiġi kkritikata.

51. Huwa veru, kif issostni ArcelorMittal, li taħt l-Artikolu 10(a)(2) tad-Direttiva 2003/87, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-industrija kkonċernata sabiex jiġu ddefiniti l-prinċipji għall-iffissar tal-parametri referenzjarji f'setturi jew subsetturi individwali. Huwa daqstant ieħor veru li l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2003/87 jeħtieġ li l-Kummissjoni tuża "l-evidenza xjentifika l-iktar preċiża u aġġornata disponibbli, b'mod partikolari mill-[International Panel on Climate Change (IPCC)]" fl-adozzjoni ta' regolament għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet.

52. Madankollu, ma jistax jiġi dedott minn dawk id-dispożizzjonijiet li l-Kummissjoni hija wkoll taħt l-obbligu li tuża d-data provduta mill-industrija kkonċernata. Ma jeżisti l-ebda obbligu bħal dak fid-Direttiva 2003/87.

23 Ninnota li, b'mod interessanti, teżisti l-inċertezza dwar l-eżistenza ta' riskju konkret ta' rilaxx tal-karbonju. Studju riċenti kkummissjonat mid-Direttorat Ġenerali dwar l-Azzjoni dwar il-Klima tal-Kummissjoni ma sab l-ebda evidenza ta' rilaxx ta' karbonju. Ir-raġunijiet għal dan jinkludu allokazzjoni mingħajr ħlas (li tirriżulta f'eċċess ta' kwoti fi, fost l-oħrajn, is-settur tal-azzar), prezzijiet orħos ta' kwoti milli mistenni u l-isforzi minn pajjiżi oħrajn biex jitnaqqsu l-emissjonijiet skont impenji internazzjonali. Ara għal ħarsa ġenerali: https://www.ceps.eu/sites/default/files/u213/Bergman_leakage_presentation_OWS.pdf

53. Kif osservat iktar 'il fuq, il-proċess tal-iffissar ta' valuri ta' parametri referenzjarji huwa wieħed kumpless u tekniku. Għalhekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni sempliċiment iddefinixxa l-għanijiet ewlenin għall-iffissar tal-parametri referenzjarji u ħalla lill-Kummissjoni diskrezzjoni wiesgħa kif tilħaq dawk l-għanijiet. B'estensjoni, il-Kummissjoni għandha tgawdi minn grad ta' diskrezzjoni wkoll fl-għażla ta' data użata fid-definizzjoni tal-valuri tal-parametri referenzjarji sakemm dik id-data ma tkunx manifestament mhux xierqa sabiex jiġi żgurat li l-għanijiet tal-Artikolu 10(a) tad-Direttiva 2003/87 (tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gass serra u l-użu ta' tekniki effiċjenti ta' enerġija) jintlaħqu.

54. Għall-kuntrarju, id-data ma tistax tingħażel b'mod arbitrarju. Dan huwa bla dubju għaliex, fir-rigward tal-monitoraġġ u r-rapportar, id-Direttiva 2003/87 teħtieġ l-użu ta' evidenza xjentifika l-iktar preċiża u aġġornata disponibbli.

55. Il-premessa 11 tad-Deċiżjoni 2011/278 tispjega għaliex, meta stabbilixxiet il-parametru referenzjarju għal metall sħun, il-Kummissjoni użat informazzjoni bbażata fuq il-BREF u d-Deċiżjoni 2007/589, pjuttost milli d-data pprovduta mill-industrija kkonċernata. Id-dokumenti kkonċernati ntużaw sabiex jinġiebu valuri ta' parametri referenzjarji fejn l-ebda data, jew l-ebda data miġbura skont il-metodoloġija għall-applikazzjoni tal-parametri referenzjarji, ma kienet disponibbli. Din il-premessa tispjega wkoll il-problemi speċifiċi li nstabu fl-iffissar tal-parametru referenzjarju għal metall sħun: minħabba n-nuqqas ta' data dwar it-trattament ta' gassijiet ta' skart, l-esportazzjonijiet ta' sħana u l-produzzjoni ta' elettriku, il-valur tal-parametru referenzjarju għal metall sħun kien derivat mill-kalkoli ta' emissjonijiet diretti u indiretti bbażati fuq informazzjoni dwar flussi ta' enerġija rilevanti pprovduti mid-dokumenti BREF u fatturi ta' emissjonijiet predefiniti stabbiliti fid-Deċiżjoni 2007/589.

56. Il-Kummissjoni spjegat ukoll fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha li d-data pprovduta mill-assoċjazzjoni li tirrappreżenta l-industrija tal-azzar Ewropea [L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Azzar (Eurofer)] ma kinitx tinkludi data relatata, sa fejn huwa kkonċernat il-metall sħun, it-trattament tal-gassijiet ta' skart, l-esportazzjonijiet ta' sħana jew il-produzzjoni tal-elettriku. Minkejja li d-data pprovduta mill-industrija setgħet kienet iktar komprensiva fir-rigward tan-numru ta' installazzjonijiet ikkunsidrati, dik id-data ma setgħetx tintuża skont il-metodoloġija tal-Kummissjoni.

57. F'dawk iċ-ċirkustanzi, fil-fehma tiegħi, jidher li huwa ġġustifikat li l-Kummissjoni tkun tista' tirrikorri għal data minn sorsi oħrajn.

58. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet fis-sentenzi Borealis *et* u Yara Suomi *et* li, meta straħet fuq is-sorsi inkwistjoni hawnhekk sabiex tiddetermina l-parametri referenzjarji skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2007/83, il-Kummissjoni ma qabżitx il-limiti tad-diskrezzjoni tagħha [24].

59. Fil-fatt, l-għażla magħmula mill-Kummissjoni li tibbaża ruħha fuq il-BREF għall-produzzjoni tal-ħadid u l-azzar u d-Deċiżjoni 2007/589 ma tidhirx li hija manifestament barra minn lokha għall-finijiet tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u għall-promozzjoni tal-użu ta' tekniki effiċjenti. Iż-żewġ dokumenti jikkostitwixxu sorsi ta' informazzjoni fuq emissjonijiet u konsum, u fuq it-tekniki l-iktar effiċjenti fil-qasam.

24 Sentenzi tat-8 ta' Settembru 2016, *Borealis and Others*, C-180/15, EU:C:2016:647, punti 47 u 49, u tas-26 ta' Ottubru 2016, *Yara Suomi and Others*, C-506/14, EU:C:2016:799, punti 39 u 41.

60. Minn naħa, skont (dak li hu issa) l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2010/75[25], id-dokumenti BREF huma abbozzati u ppubblikati għal kull settur fuq il-bażi ta' skambju ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-industriji kkonċernati u organizzazzjonijiet ambjentali. Kif jissuġġerixxi isimhom, huma jikkostitwixxu dokumenti ta' riferiment għall-aħjar tekniki disponibbli f'settur partikolari. Ir-rapport BREF dwar il-ħadid u l-azzar għas-sena 2001 li użat il-Kummissjoni kien l-iktar dokument aġġornat disponibbli fil-qasam[26].

61. Min-naħa l-oħra, il-fatturi ta' emissjoni predefiniti msemmija fid-Deċiżjoni 2007/589 huma bbażati, fil-biċċa l-kbira, fuq Linji gwida IPCC. Dawk il-fatturi jintużaw sabiex jiġu stabbiliti inventarji nazzjonali ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima.

62. Fuq dik il-bażi, jiena nikkonkludi li l-kunsiderazzjoni tat-tieni domanda preliminari ma żvelatx xejn li jaffettwa l-validità tad-Deċiżjoni 2011/278 dwar id-data użata mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-iffissar tal-parametru referenzjarju għal metall sħun.

### *3. Il-parametru referenzjarju għal minerali sinterizzati: id-determinazzjoni tal-iktar installazzjonijiet effiċjenti*

63. It-tielet domanda preliminari tittratta l-ġbir tad-data. Din tirrigwarda d-diskrezzjoni li għandha l-Kummissjoni fl-għażla ta' installazzjonijiet għall-finijiet tal-formulazzjoni tal-parametru referenzjarju rilevanti. Iktar speċifikament, il-kwistjoni hija jekk il-Kummissjoni setgħetx tieħu inkunsiderazzjoni installazzjoni li tipproduċi kemm minerali sinterizzati kif ukoll pritkuni bħala waħda mill-10 % tal-installazzjonijiet l-iktar effiċjenti sabiex jiġi stabbilit l-parametru referenzjarju għal minerali sinterizzati mingħajr ma jinkiser l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87.

64. L-Artikolu 10a(2) tad-Direttiva 2003/87 jgħid li fl-applikazzjoni tal-parametru referenzjarju, il-punt ta' tluq għandu jkun il-prestazzjoni medja tal-10 % tal-installazzjonijiet l-iktar effiċjenti f'settur jew subsettur fl-Unjoni fis-snin 2007 u 2008. L-istess idea hija mtennija fil-premessa 2 tad-Deċiżjoni 2011/278. Min-naħa l-oħra, il-premessa 4 tad-Deċiżjoni 2011/278 tistabbilixxi l-prinċipju li fejn prodott huwa sostitut dirett ta' prodott ieħor, it-tnejn għandhom ikunu koperti bl-istess parametru referenzjarju tal-prodott u d-definizzjoni tal-prodott relatata.

65. Mill-proċess u l-argumenti mressqa waqt is-seduta jirriżulta li l-pritkuni u l-minerali sinterizzati ma humiex sostituti diretti u, għaldaqstant, ma humiex koperti mill-istess parametru referenzjarju. Dak huwa essenzjalment għaliex il-kompożizzjoni u l-karatteristiċi tal-prodott tal-pritkuni huma differenti b'mod sinjifikattiv minn dawk tal-minerali sinterizzati.

66. L-ilment li għamlet ArcelorMittal, u li rripetiet il-qorti tar-rinviju, huwa bbażat fuq l-assunzjoni li l-Kummissjoni, meta fformulat il-parametru referenzjarju għal minerali sinterizzati, ħadet inkunsiderazzjoni installazzjoni li tipproduċi kemm pritkuni kif ukoll minerali sinterizzati, kuntrarjament għall-Artikolu 10a(1) tad-Direttiva 2003/87 u l-premessa 4 tad-Deċiżjoni 2011/278. Għaldaqstant, il-parametru referenzjarju għal minerali sinterizzati huwa, skont ArcelorMittal, żbaljat minħabba l-użu ta' data li tappartjeni għall-produzzjoni ta' pritkuni.

25 Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Novembru 2010, dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU 2010 L 334, p. 17). Dik id-Direttiva ħadet post id-Direttiva 2008/1 fuq l-istess suġġett.

26 Il-BREF l-iktar riċenti ġie stabbiliti fl-2012. Ovvjament, ma kienx possibbli għall-Kummissjoni li tieħu inkunsiderazzjoni l-kontenut ta' dak id-dokument fl-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2011/278. Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique u Lorraine *et*, C-127/07, EU:C:2008:728, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata.

67. Waqt is-seduta, saru kjarifikazzjonijiet importanti f'dak ir-rigward. Fil-fatt, anki għalkemm l-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni bl-ebda mod ma huma mudell taċ-ċarezza fuq dak il-punt, l-argument orali mressaq minn dik l-istituzzjoni ssodisfani li l-għażla ta' installazzjonijiet ma tistax taffettwa l-validità tad-Deċiżjoni 2011/278 fir-rigward tal-parametru referenzjarju għal minerali sinterizzati.

68. Il-Kummissjoni spjegat li l-installazzjoni inkwistjoni hija unika fl-Unjoni Ewropea. Din tipproduċi taħlita ta' pritkuni u minerali sinterizzati, li, fir-rigward tal-proprjetajiet u l-użu tagħha, tiġi utilizzata bħala sostitut dirett għal minerali sinterizzati fi fran fil-kalkari ta' funderija fl-impjant tal-azzar integrat. Minkejja li l-impjant tal-azzar integrat inkwisjtoni jinkludi unità tal-pritkuni u unità għall-produzzjoni tas-sinter, dawk l-unitajiet huma konnessi u jaħdmu simultanjament biex jipproduċu taħlita li tintema' direttament ġewwa l-fran fil-kalkara ta' funderija. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni nnutat ukoll li l-impjant tal-pritkuni huwa konness direttament ma' dak tal-unità tas-sinter skont id-definizzjoni ta' minerali sinterizzati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2011/278[27]. Skont il-fehma tal-parteċipanti u l-esperti rilevanti kkonsultati mill-Kummissjoni, il-proċess ta' produzzjoni ta' dik it-taħlita jista' jitqies bħala simili għal dak ta' minerali sinterizzati. Fi kliem ieħor, il-prodott finali għandu proprjetajiet simili għall-minerali sinterizzati u jintuża bħala sostitut dirett għalih fil-forn fil-kalkara ta' funderija[28].

69. Minkejja dawk il-kjarifiki, ArcelorMittal żammet il-pożizzjoni tagħha waqt is-seduta. Hija nnotat, b'mod partikolari, li d-dokumenti uffiċjali kollha jsemmu li l-installazzjoni inkwistjoni għandha unitajiet ta' produzzjoni separati għall-pritkuni u l-minerali sinterizzati. Hija osservat ukoll li bl-ebda mod ma huwa insolitu li jitħalltu l-pritkuni mal-minerali sinterizzati fil-forn fil-kalkara ta' funderija.

70. Hemm żewġ punti xi jsiru hawnhekk. L-ewwel nett, l-atti tal-Unjoni huma preżunti legali[29]. It-tieni nett, kif ġie osservat iktar 'il fuq, qegħdin nittrattaw evalwazzjonijiet tekniċi kumplessi li fir-rigward tagħhom il-Kummissjoni tgawdi minn diskrezzjoni wiesgħa.

71. Mill-informazzjoni disponibbli, ma huwiex ovvju li meta ħadet inkunsiderazzjoni l-installazzjoni inkwistjoni, il-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni. Għall-kuntrarju, setgħet, skont il-marġni ta' diskrezzjoni li tgawdi minnu, tiddeċiedi li l-installazzjoni inkwistjoni tista' titqies bħala waħda mill-installazzjonijiet ta' riferiment għall-finijiet tal-iffissar tal-parametru referenzjarju għall-minerali sinterizzati. Fil-fatt, jidher li, minkejja l-karatteristiċi speċjali tal-installazzjoni (b'mod partikolari fir-rigward tal-eżistenza ta' unità ta' pritkuni fil-post għall-finijiet tal-produzzjoni tat-taħlita ta' minerali sinterizzati u pritkuni deskritti iktar 'il fuq), il-prodott li b'hekk jaslu għalih jikkostitwixxi sostitut dirett għal minerali sinterizzati.

72. Huwa ċar li d-determinazzjoni ta' jekk il-karatteristiċi speċjali ta' installazzjoni partikolari, jew pjuttost, l-uniċità ta' dawk il-karatteristiċi fl-Unjoni, għandhomx rilevanza fuq l-inklużjoni tagħha bħala installazzjoni ta' riferiment taqa' fl-isfera ta' evalwazzjonijiet tekniċi kumplessi. Il-Kummissjoni hija f'pożizzjoni ferm aħjar mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex twettaq tali evalwazzjoni.

73. Globalment, l-approċċ tal-Kummissjoni jidhirli li huwa ġġustifikat. Kieku l-installazzjoni inkwisjtoni ma kinitx ittieħdet inkunsiderazzjoni bħala waħda mill-installazzjonijiet ta' riferiment, minħabba l-karatteristiċi speċjali tagħha, dan kien jillimita artifiċjalment il-ġbir tad-data u għalhekk jeskludi waħda mill-iktar installazzjonijiet effiċjenti fis-settur. Bħala riżultat, il-parametru referenzjarju li

27 Skont l-Anness I, proċessi relatati direttament jew indiretttament mal-fibra f'forma ta' trab tal-unità tal-proċess, l-ignixin, l-unitajiet tat-tħejjija tal-alimentazzjoni, l-unità tal-iskrining sħun, l-unità tat-tkessiħ tas-sinter, l-unità tal-iskrining kiesaħ u l-unità tal-ġenerazzjoni tal-istim għandhom jiġu inklużi fil-parametru referenzjarju għal minerali sinterizzati.

28 Jirriżulta wkoll mill-proċess li Eurofer ikkunsidrat, wara konsultazzjoni, li l-installazzjoni inkwistjoni hawnhekk għandha karatteristiċi simili għal unità ta' sinter waħda, minkejja d-domanda iktar baxxa għall-enerġija tal-unità ta' pritkuni parallela.

29 Sentenza tal-15 ta' Ġunju 1994, Il-Kummissjoni vs BASF *et*, C-137/92 P, EU:C:1994:247, punt 48.

jintlaħaq ikun konsiderevolment ogħla[30]. B'mod ċar dan ma jirriflettix l-għan kumplessiv tad-Direttiva 2003/87 li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mod ekonomikament effiċjenti. Fil-fatt, jidher li preċiżament minħabba dawk il-karatterisitiċi, dik l-installazzjoni tista' tottimizza l-emissjonijiet tagħha.

74. Kif indikat il-Kummissjoni, il-kunsiderazzjoni ta' installazzjoni li tipproduċi sostitut għal minerali sinterizzati tikkonforma mal-għan tal-Artikolu 10a(1) tad-Direttiva 2003/87, li huwa li jiġi inkoraġġut l-użu ta' proċeduri ġġenerati bl-inqas emissjonijiet. L-applikazzjoni ta' parametri referenzjarji għandha tkun ibbażata fuq l-installazzjonijiet l-iktar effiċjenti fis-settur u ma għandhiex tqis it-teknoloġija użata, it-taħlita tal-fjuwil użat, u fatturi oħrajn bħall-kundizzjonijiet meteoroloġiċi jew il-materja prima użata. Jekk le, l-għan tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gass serra jiddgħajjef konsiderevolment.

75. Fuq dik il-bażi, jiena nikkonkludi li l-kunsiderazzjoni tat-tielet domanda preliminari ma żvelat xejn li jaffettwa l-validità tad-Deċiżjoni 2011/278 dwar l-għażla ta' installazzjonijiet ta' riferiment għall-finijiet tal-iffissar tal-parametru referenzjarju għall-minerali sinterizzati.

### *4. Il-parametru referenzjarju għal minerali sinterizzati: l-obbligu ta' motivazzjoni*

76. Ir-raba' domanda preliminari tistaqsi jekk, fid-Deċiżjoni 2011/278, il-Kummissjoni kkonformatx mal-obbligu ta' motivazzjoni tagħha skont l-Artikolu 296 TFUE fir-rigward tal-iffissar tal-parametru referenzjarju għal minerali sinterizzati. B'mod partikolari, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk dak l-obbligu ġiex issodisfatt fir-rigward tal-għażla ta' installazzjonijiet ta' riferiment għall-finijiet tal-iffissar ta' parametru referenzjarju għal minerali sinterizzati.

77. Fuq nota ġenerali, hija ġurisprudenza stabbilita li l-motivazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 296 TFUE għandha turi, b'mod ċar u inekwivoku, ir-raġunament segwit mill-istituzzjoni li tkun adottat l-att b'mod li tippermetti li l-persuna kkonċernata tkun tista' taċċerta x'inhuma r-raġunijiet għall-miżuri adottati u sabiex il-qorti kompetenti tkun tista' teżerċita l-istħarriġ tagħha. Madankollu, l-istituzzjoni tal-Unjoni li tkun adottat il-miżura kkontestata ma hijiex meħtieġa li teżamina kull punt rilevanti ta' fatt u ta' liġi[31].

78. L-obbligu li jiġu indikati r-raġunijiet għandu jiġi evalwat skont il-kuntest tiegħu: il-kwisjtoni jekk il-motivazzjoni tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi evalwata b'riferiment mhux biss għall-kliem tal-miżura iżda wkoll għall-kuntest tagħha u l-korp sħiħ ta' regoli legali li jirregolaw il-kwistjoni partikolari. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li jekk il-miżura kkontestata tiżvela b'mod ċar, l-għan essenzjali segwit mill-istituzzjoni, ikun eċċessiv li wieħed jeħtieġ motivazzjoni speċifika għal kull għażla teknika li tkun għamlet l-istituzzjoni[32]. B'mod partikolari, kuntrarjament għal miżuri individwali, fil-każ ta' miżura intiża li jkollha applikazzjoni ġenerali, bħalma huwa l-każ tad-Deċiżjoni 2011/278, il-motivazzjoni tista' tkun limitata biex tindika, l-ewwel nett, is-sitwazzjoni ġenerali li wasslet għall-adozzjoni tagħha u, it-tieni nett, l-għanijiet ġenerali li riedet tilħaq[33].

30 Il-parametru referenzjarju għal minerali sinterizzati huwa stabbilit f'0.171 $CO_2$/tunnellata ta' minerali sinterizzat. Kieku l-installazzjoni inkwistjoni ġiet eskluża mill-kalkolu, il-parametru referenzjarju kien ikun minflok 0.191 $CO_2$/tunnellata.

31 Sentenza tat-12 ta' Lulju 2005, Alliance for Natural Health *et*, C-154/04 u C-155/04, EU:C:2005:449, punt 133 u l-ġurisprudenza ċċitata.

32 Ara, fost ħafna, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 1998, Spanja vs Il-Kunsill, C-284/94, EU:C:1998:548, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-12 ta' Lulju 2005, Alliance for Natural Health *et*, C-154/04 u C-155/04, EU:C:2005:449, punt 134.

33 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-7 ta' Settembru 2006, Spanja vs Il-Kunsill, C-310/04, EU:C:2006:521, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata.

79. Kif tagħmilha ċara dik il-ġurisprudenza, il-Kummissjoni ma hijiex obbligata tispjega r-raġunijiet speċifiċi għad-diversi għażliet tekniċi li tkun għamlet. Billi l-Kummissjoni tgawdi minn diskrezzjoni wiesgħa u dik id-diskrezzjoni hija miftuħa għall-istħarriġ ġudizzjarju f'limiti ristretti biss, il-motivazzjoni għandha bżonn biss tal-elementi neċessarji biex tappoġġa stħarriġ limitat bħal dak[34].

80. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tkun tista' tagħmel l-istħarriġ tagħha, u fin-nuqqas, il-motivazzjoni ma tistax tkun ikkunsidrata suffiċjenti.

81. Fil-każ ineżami, hija l-fehma tiegħi li l-motivazzjoni fir-rigward tal-għażla ta' installazzjonijiet ta' riferiment tirriżulta b'ċarezza suffiċjenti mid-Deċiżjoni 2011/278. Ir-raġunijiet għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2011/278 u l-għan tagħha joħorġu mill-premessi tad-deċiżjoni. Barra minn dan, numru ta' dettalji tekniċi huma inklużi fil-premessi, li jikkjarifikaw ulterjorment il-metodu użat mill-Kummissjoni li tistabbilixxi parametri referenzjarji, inkluża l-għażla ta' installazzjonijiet.

82. Huwa veru li l-Kummissjoni ma spjegatx fid-dettall ir-raġunijet tekniċi li wassluha tikkunsidra, pereżempju, li installazzjoni li tipproduċi kemm pritkuni kif ukoll minerali sinterizzati jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-parametru referenzjarju għal minerali sinterizzati. Madankollu, jekk tkun meħtieġa li tagħmel hekk, essenzjalment dan jestendi l-obbligu tagħha li tagħti motivazzjoni biex jiġi inkluż, fil-preambolu, rendikont tal-għażliet tekniċi kumplessi li kellha tagħmel.

83. Inkunsiderazzjoni tat-tip ta' miżura li qegħdin nittrattaw u l-ispjegazzjonijiet offruti fil-preambolu dwar kunsiderazzjonijiet kemm fattwali kif ukoll legali dwar l-iffissar ta' parametri referenzjarji, il-Kummissjoni ma hijiex obbligata li tipprovdi dan ir-rendikont. B'mod partikolari, mill-premessi jidher li d-Deċiżjoni 2011/278 ġiet adottata bis-saħħa tad-Direttiva 2003/87 sabiex jiġu stabbiliti regoli mal-Unjoni kollha għall-allokazzjoni mingħajr ħlas ta' kwoti ta' emissjoni matul perijodu tranżitorju. Huwa ċar li l-Kummissjoni kellha l-iskop li tifformula dawk ir-regoli b'mod li jiġi żgurat li l-emissjonijiet ta' gass jitnaqqsu.

84. Iktar importanti minn hekk, fil-premessa 2, il-Kummissjoni tispjega li l-punt ta' tluq għall-kalkolu ta' parametru referenzjarju hija l-prestazzjoni medja ta' 10 % tal-installazzjonijiet l-iktar effiċjenti f'settur jew subsettur. Barra minn hekk, il-premessa 4 tispjega li fejn prodott huwa sostitut dirett ta' prodott ieħor, it-tnejn għandhom jiġu koperti bl-istess parametru referenzjarju tal-prodott u d-definizzjoni tal-prodott relatat. Il-premessi 6 sa 8 jispjegaw x'tip ta' informazzjoni ġiet ikkunsidrata fil-kalkolu tal-valuri tal-parametru referenzjarju. Il-premessa 11 turi wkoll l-approċċ tal-Kummissjoni f'każijiet fejn ma kienet disponibbli l-ebda data jew kien hemm data insuffiċjenti, u l-premessa 12 tispjega kif il-Kummissjoni aġixxiet fejn ma kienx possibbli li jiġi ffissat parametru referenzjarju.

85. Sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tagħmel l-istħarriġ tagħha, l-informazzjoni li hemm fil-preambolu hija suffiċjenti. Mhux l-inqas għal raġunijiet prattiċi, il-Kummissjoni ma tistax tkun meħtieġa tispjega l-karatterisitiċi ta' kull installazzjoni ta' riferiment u tagħmel espliċiti r-raġunijiet tekniċi għaliex ċerti installazzjonijiet kienu kkunsidrati xierqa għall-applikazzjoni tal-parametru referenzjarju u mhux oħrajn. Sabiex jiġi ddeterminat jekk il-parametru referenzjarju tal-prodott rilevanti huwiex ivvizzjat bi żball ta' evalwazzjoni manifest, huwa biżżejjed li jinftiehem l-għan tal-miżura inkwistjoni u l-metodu ġenerali użat mill-Kummissjoni biex tiffissa dawk il-parametri referenzjarji (inkluża r-regola ġenerali applikabbli għall għażla ta' installazzjonijiet ta' riferiment u t-trattament ta' sostituti). Dawk il-kunsiderazzjonijiet jirriżultaw b'ċarezza mill-premessi tad-Deċiżjoni 2011/278.

34 Għal fehma kemxejn differenti, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott f'Borealis Polyolefine *et*, C-191/14, C-192/14, C-295/14, C-389/14 u C-391/14 sa C-393/14, EU:C:2015:754, punt 134 *et seq*. F'dik il-kawża, il-kwistjoni kienet il-kalkolu tal-fattur ta' korrezzjoni. L-Avukat Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni kienet fl-obbligu, minkejja l-fatt li d-deċiżjoni inkwistjoni kienet ta' applikazzjoni ġenerali, li tinkludi d-data kollha neċessarja sabiex ikun possibbli li ssir reviżjoni ddettaljata tal-kalkolu tal-fattur ta' korrezzjoni fid-deċiżjoni li kienet inkwistjoni hemmhekk. Filwaqt li aċċettat, madankollu, li motivazzjonijiet daqstant estensivi ma kinux previsti għal raġunijiet prattiċi, l-Avukat Ġenerali kkunsidrat li kien biżżejjed li jingħata aċċess, lil dawk ikkonċernati, għad-data mhux analizzata u li jiġi inkluż riferiment f'dak is-sens fil-motivazzjoni.

86. Fuq dik il-bażi, jiena nikkonkludi li l-kunsiderazzjoni tar-raba’ domanda preliminari ma żvelat xejn li jaffettwa l-validità tad-Deċiżjoni 2011/278 dwar l-obbligu tal-Kummissjoni li tagħti motivazzjoni meta tiffissa l-parametru referenzjarju għal minerali sinterizzati.

## IV. Konklużjoni

87. Fid-dawl tal-argumenti li ressaqt, jiena nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha twieġeb id-domandi premininari tat-Tribunal administratif de Montreuil (qorti amministrattiva, Montreuil, Franza) kif ġej:

Il-kunsiderazzjoni tad-domandi preliminari ma żvelat xejn li jaffettwa l-validità tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE, tas-27 ta’ April 2011, li tiddetermina regoli tranżitorji madwar l-Unjoni kollha għal allokazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-iffissar tal-parametru referenzjarju għal metall sħun u minerali sinterizzati.